Artisti li sebbħu l-knejjes tagħna (Nru 1)

# "Garinu" u l-arti ta' żmienu f'Malta

Fr Jonathan Farrugia

L-eqdem elementi ta' arti sagra f'kuntest ta' struttura ta' kult li nsibu f'Malta jmorru lura għall-aħħar fażi tal-medjuevu, jiġifieri bejn wieħed u ieħor lejn tmiem is-seklu 13 u l-bidu tas-seklu 14. Waħda mir-raġunijiet tista' tkun għaliex skont l-istudjużi tal-istorja ta' Malta, wara li gżiritna waqgħet taħt idejn l-Għarab fis-sena 870, baqgħet art Musulmana sal-miġija tal-Konti Ruġġieru fis-sena 1091. Matul il-mitejn sena ta' ħakma Għarbija fejn il-Kristjaneżmu prattikament spiċċa fix-xejn, nifhmu li jekk kien hemm xi knejjes jew arti nisranija dawn inqerdu. Il-ftit xhieda ta' arti li tista' tkun ġejja minn kuntest nisrani li tmur aktar lura minn hekk tikkonsisti f'xi skizzi jew simboli li jinsabu fil-katakombi, liema skizzi jmorru lura għal żmien ir-Rumani u l-Biżantini. Għaldaqstant nistgħu ngħidu li l-arti figurattiva li tirrappreżenta lil Kristu, lill-Verġni Mbierka jew lill-qaddisin tmur lura "biss" madwar 700 sena.

Il-kuntesti Maltin fejn insibu xhieda ta' arti ġejja minn dan iż-żmien li qed insemmu mhumiex wisq, imma jippreżentaw arti li minnha nfisha diġà hija kemmxejn matura fejn il-figuri igawdu minn proporzjonijiet xi ftit jew wisq kredibbli u li fihom dettalji partikulari. Fost dawn nistgħu nsemmu l-ikona tal-Madonna fil-grotta tal-Mellieħa, ix-xbihat ġejjin mill-Abbatija tad-Dejr fir-Rabat, l-affreski li jinsabu fil-knejjes-għerien ta' Sant'Agata u San Leonardu fir-Rabat kif ukoll dawk fil-knisja tal-Annunzjata f'Ħal Millieri. Li għandhom in komuni dawn kollha huwa li huma lkoll pittura magħmula direttament fuq il-ġebla, kemm jekk hija ġebla ħajja f'kuntest ta' għar naturali jew maqtugħ fil-blat, kemm jekk hija ġebla fi struttura mibnija bħalma hija l-knisja rurali ta' Ħal Millieri.



**L-artisti u l-istil tagħhom**

B'xorti ħażina m'għandniex dokumentazzjoni dwar il-kummissjoni u l-eżekuzzjoni ta' dawn l-opri tal-arti. Bħala isem waslilna wieħed biss – Garinu – imma dwaru wkoll ma nafu xejn. Aktar nistgħu nitkellmu huwa dwar il-mudelli u l-istili li minnhom ġew influenzati dawn l-artisti mhux magħrufa. L-istudjużi tal-arti Maltija jgħidulna li jsegwu l-istil sikulo-biżantin. Dan kien l-istil li kien popolari fi Sqallija fil-medjuevu u li kien influenzat ħafna mill-istil Biżantin. Tajjeb niftakru li għal ħafna sekli Sqallija kienet taħt il-ħakma tal-Biżantini, għalhekk nifhmu li l-istil artistiku li kien komuni f'Kostantinopli u fil-bqija tal-imperu wasal ukoll fi Sqallija u kien użat hemm.

Dan wisq probabbli wasal Malta bil-fondazzjoni ta' komunitajiet monastiċi li ġew proprju minn Sqallija u li mxew fuq il-mudelli li kienu komuni fl-imperu. Din il-forma ta' monastiċiżmu – li kienet tikkonsisti f'ħajja komuni tal-monaċi spiss f'ambjenti maqtugħin fil-blat – reġgħet ħadet il-ħajja fi Sqallija fis-seklu 12 u wara xi żmien minn hemm ġiet Malta wkoll. Numru ta' storiċi huma tal-opinjoni li l-knejjes-għerien li nsibu fil-gżejjer tagħna kienu użati minnhom bħala postijiet ta' abitazzjoni kif ukoll bħala ċentri ta' kult.

Jekk inħarsu lejn ix-xbihat li jinsabu f'dal-kuntesti ninnutaw li fil-maġġor parti tagħhom dawn għandhom ħafna elementi ta' xebħ bejniethom, speċjalment meta s-suġġetti huma qaddisin. Ġeneralment il-figuri jidhru weqfin dritti u jħarsu faċċata dritt lejn min ikun jinsab wieqaf quddiemhom. L-għajnejn, li s-soltu jkunu kbar u sbieħ, jidhru miftuħin sewwa u dejjem ikollhom il-forma ta' lewża, bix-xahar tal-għajnejn f'forma ta' ħnejja pulita ftit 'il fuq. Ix-xagħar tal-figuri femminili jista' jkun jew miġbur f'xi qagħqa u mgħotti b'velu, inkella mħolli ħieles nieżel 'l isfel fuq l-ispallejn. Il-figuri rġiel, b'xagħarhom qasir, kultant ikollhom xi xedd fuq rashom skont il-pożizzjoni li kellhom f'ħajjithom: xi mitra għal xi isqof, xi elmu għal xi suldat u kappoċċ għal min kien monaku. Ir-ras dejjem tkun imdawra minn aureola wiesgħa lewn id-deheb. Id-dirgħajn u l-idejn rarament ikunu maqlugħin 'il barra mill-bqija tal-ġisem. L-idejn spiss ikunu qed iżommu xi simbolu li jgħin fl-identifikazzjoni tal-figura, jew inkella jkunu fil-forma tal-barka. Ir-riġlejn ma jidhrux qatt minħabba l-ħwejjeġ u spiss anke s-saqajn ikunu mgħottija. Fil-biċċa l-kbira tal-każijiet il-figuri jkunu fuq sfond skur li madwaru mbagħad ikollu bordura ta' lewn ċar u oħra ta' lewn aħmar skur. F'ħafna każijiet fuq l-isfond skur kien hemm miktub l-isem tal-qaddis jew qaddisa rappreżentata, b'ittri mill-alfabett Latin; iżda f'numru ta' każijiet l-isem thassar biż-żmien.



**Ir-rappreżentazzjonijiet**

Meta nqisu ż-żmien kemmxejn imbiegħed li fihom saru dawn l-opri artistiċi, nistgħu ngħidu li n-numru li fadal minnhom mhux żgħir wisq. Minn dawn nistgħu nibdew biex insemmu numru ta' rappreżentazzjonijiet tal-Verġni mbierka. L-eqdem fosthom tidher li hi l-Madonna tal-Mellieħa fejn Marija tidher bil-Bambin f'dirgħajha; din ġejja minn tmiem is-seklu 13/bidu tas-seklu 14 u ssegwi l-istil u l-ikonografija marjana li għad hemm xhieda tagħha fil-Lvant ta' Sqallija. Fil-knisja-għar ta' Sant'Agata fir-Rabat (Malta) nsibu xbieha – għalkemm b'ħafna ħsara – tal-Madonna qed tredda' lill-Bambin li probabilment hija tal-istess ispirazzjoni bħall-oħra u ġejja mill-istess żmien. Xbieha marjana kemmxejn unika ġejja minn dan iż-żmien huwa l-affresk tal-Annunzjazzjoni li kien jinsab f'abside ta' wieħed mill-oratorji ta' l-Abbatija tad-Dejr, fir-Rabat ukoll. F'din il-pittura kemmxejn komposta tidher xena tal-Kruċifissjoni fin-nofs, imbagħd fil-ġnub hemm Marija fuq naħa l-arkanġlu Gabrijel fuq l-oħra. Li għandha kurjuż din il-kompożizzjoni – apparti li qed tgħaqqad flimkien żewġ episodji – huwa li tirrappreżenta taħlita ta' stili: ix-xena tat-tħabbira timxi man-normi tal-istil sikulo-biżantin, saqt li l-linji mserrpa tal-Kruċifissjoni għandhom togħma ta' influenza gotika. Għaldaqstant din hija maħsuba li ġejja mis-seklu 14. Fil-knisja tal-Lunzjata ta' Ħal Millieri wkoll jista' jkun hemm fdal ta' affresk tal-Annunzjata li kien jinsab fil-ħnejja ewlenija li tifred it-taqsima tal-altar mill-bqija tal-knisja. Minnha biss fadal ħjiel tal-anġlu.

Il-figuri tal-qaddisin huma komuni ferm ukoll. Fit-tramuntana ta' Malta għadhom jeżistu l-fdalijiet ta' xi knejjes-għerien li fl-imgħoddi kellhom ħafna affreski, imma li minnhom illum ma fadal kważi xejn. Fost l-eżempji li nistgħu ngħibu hemm l-affresk ta' San Nikola fil-fdalijiet ta' għar fil-Mellieħa u ieħor ta' San Leonardu f'Wied Liemu fir-Rabat (Malta), li ġejjin mis-seklu 14/15. Fil-knisja-għar ta' Sant'Agata hemm esibiti numru sabiħ ta' figuri ta' qaddisin li ħafna minnhom saritilhom il-ħsara fuq wiċċhom, probabbli f'xi inkursjoni f'Malta minn nies mhux Insara. F'din il-knisja-għar hemm 23 figura li lkoll igorru f'idejhom emblemi li kienu jagħtu ħjiel dwar l-identità tagħhom meta saru. Iż-żmien li fih saru ivarja għax mhux kollha saru fl-istess żmien, imma milli jidher sas-seklu 16 il-kompożizzjoni kienet lesta. Fost il-figuri li jistgħu jingħarfu faċilment hemm naturalment Sant'Agata (li tidher aktar minn darba), San Leonardu, Santa Margerita, Santa Venera, San Anton Abbati u numru ta' isqfijiet li jistgħu jkunu San Nikola jew San Blas. Minn studji li saru jidher li fil-parti l-kbira tagħhom dawn l-affreski ħadu post oħrajn aktar antiki li minnhom għad fadal tlieta li l-identità tagħhom mhix ċerta.

Numru ieħor ta' qaddisin li wkoll huma fi stat ta' konservazzjoni eċċellenti jinsabu fil-knisja rurali ta' Marija Annunzjata f'Ħal Millieri. Hawn biss għandna każ fejn l-artist iffirma wieħed mill-affreski, għalhekk nafu ismu imma, bħalma ġa għedt, dwaru ma nafu xejn. L-artist huwa Garinu, li kien probabilment Sqalli jew ta' nisel Sqalli li tqabbad ipitter numru ta' qaddisin f'dil-knisja matul is-seklu 15. Apparti l-figura tal-anġlu mal-ħnejja li ġa semmejna, Garinu ħallielna 13-il figura oħra li kollha jingħarfu għax għandhom isimhom miktub, ħlief wieħed li baqa' misteru. Il-qaddisin rappreżentati li huma magħrufa huma San Nikola, San Andrija, San Ġakbu l-Kbir, San Ġwann l-Evanġelista, San Lawrenz, San Vinċenz ta' Żaragoża, San Ġorġ (darbtejn), Santu Wistin, San Blas, Sant'Agata u San Leonardu. Il-persunaġġi f'Ħal Millieri huma ta' daqs ferm ikbar minn dawk li naraw fil-knisja-għar ta' Sant'Agata. Ilkoll għandhom xi simbolu f'idejhom li jistgħu jagħtu ħjiel li fl-imgħoddi l-ikonografija ta' dawn il-qaddisin kienet differenti minn kif nafuha llum, b'mod li kieku ma kienx hemm l-isem forsi l-persunaġġ ma kienx jingħaraf. Biex ingħib xi eżempji, San Nikola ma għandux it-tfal ħdejh jew it-tliet boroż f'idejh, iżda għandu ktieb! San Lawrenz m'għandux il-gradilja, imma għandu wkoll ktieb. L-istess ngħidu għal San Vinċenz u Sant'Agata li flok l-għodda tal-martirju għandhom f'idejhom kotba. Il-qaddisin li jsegwu ikonografija magħrufa anke fi żmiennha huma




San Ġorġ li jidher darbtejn fuq iż-żiemel qed joqtol id-dragun, u Santu Wistin kif ukoll San Leonardu bil-kotba. Ma' dawn insemmu lil San Ġakbu u lil San Ġwann li peress li għandhom kitbiethom fl-Iskrittura jidhru wkoll bil-kotba jew b'xi rixa tal-kitba. Li għandhom partikulari dawn il-affreski hu li t-teknika tagħhom tixhed li l-kompiżizzjoni tagħhom saret mill-istess artist (Garinu) u fi żmien qasir ħafna – l-*intonaco* li uża kien jinxef fi ftit sigħat, għalhekk kull figura ma ħaditx aktar minn ftit sigħat biex inħolqot.

Garinu nistgħu ngħidu li kien wieħed mill-aħħar esponenti tal-istil sikulo-biżantin li waqt li żamm man-normi tal-istil ma ddejjaqx jitbiegħed xi ftit minnu wkoll speċjalment fil-poża tal-figuri li pitter; fil-fatt hawn id-dirgħajn mhux dejjem huma mwaħħlin mal-figuri bħalma naraw fil-knisja-għar ta' Sant'Agata, u għalhekk kultant jagħti ħjiel ta' moviment.

**Is-sorsi**

Għalkemm dan iż-żmien li tkellimna dwaru f'din il-ħarġa huwa wieħed interessanti ferm, ftit huma l-istudjużi tal-arti Maltin li studjawh fil-fond. Dawk il-ftit li studjawh, iżda, kitbu ħafna u taw lill-poplu Malti u lil kull min interessah din il-materja, pubblikazzjonijiet mill-aktar dettaljati li jagħtu stampa ċara ta' dan kollu. Fost dawn se nsemmi tlieta li użajthom biex preparajt dan l-artiklu. L-ewwel nett hemm il-Professur Mario Buhagiar li fost il-ħafna kitbiet tiegħu fil-materja l-ktieb *The Iconography of the Maltese Islands 1400–1900* jibqa' wieħed fundamentali. Ma' dan użajt ukoll *The Mediterranean Artistic Context of Late Medieval Malta 1091–1530* ta' Dr Charlene Vella għall-kuntest artistiku li fih żviluppat l-arti medjevali f'Malti, u għall-kuntest storiku irreferejt għall-ktieb *Malta: the Medieval Millennium* tas-Sur Charles Dalli. L-aħħar żewġ kotba jinsabu għall-bejgħ mingħand il-Klabb Kotba Maltin, filwaqt li l-ewwel wieħed huwa disponibbli għall-konsultazzjoni minn diversi bibljoteki.

Dawn il-paġni huma megħjuna mill-Kunsill Malti għall-Arti u l-Kultura